2 ta' Ottubru, 1944.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Angelo Gatt *versus* Salvatore Gatt

**Siġar — Distanzi Legali — Danni —**
**Art. 440, 1228 u 1238 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*Jekk is-siġar ma jkunux imħawlin fid-distanzi stabbiliti* ***mill-Liġi****, il-proprietariu tal-fond viċin, sakemm ma jkun****x għadda*** *ż-żmien tal-preskrizzjoni, għandu dritt jeżiġi li dawk is-siġar jiġu* ***maqlu-***

*għin bi spejjeż ta' sidhom; u l-istess attur għandu, anki fil-każ li jiġu osservati d-distanzi legali, jekk b'dana kollu dawk is-siġar ikunu jagħmlulu danno, salv li sidhom jagħżel li jagħmel dawk l-opri meħtieġa biex ma jkomplix [illegible] dak id-danno.*

*L-azzjoni biex jiġi mwaqqaf dan id-danno tappartjeni mhux biss lil sid **il-għalqa** li tkun qegħda ssofri dak id-danno, imma anki lill-**inkwilin ta'** dik il-għalqa.*

**Il-Qorti, — Rat** iċ-ċitazzjoni numru 381 tad-9 ta' **Awissu 1943,** li **biha** l-attur, **wara** li qal illi l-**konvenut** għandu siġar **imħawlin taħt il-ħajt** li **jaqsam** l-għalqa **tiegħu minn dik ta'** l-**istess attur,** liema **għalqa,** li jgħidulha "Tal-Marnisi", **qiegħda fil-**limiti ta' Marsaxlokk; u **dawk** is-siġar, **li** jinsabu **mhux fid-distanza** legali, qegħdin **jagħmlulu** ħsara **fir-raba'** **tiegħu**; u **l-konvenut,** għalkemm ipprometta li **jagħmel dak** li **hemm bżonn** biex jevita dik il-ħsara, ma għamel **xejn, lan-qas wara** li ġie **għal hekk** int mat bl-ittra **uffiċjali tad-19 ta' April 1943**; **talab** illi l-istess **konvenut** jiġi **kundannat** jaqla' l-imsemmijin siġar jew jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa biex l-attur ma jkollux aktar ħsara minnhom, fi żmien qasir u pe-rentorju, taħt id-direzzjoni ta' perit li jiġi nominat għal dan l-iskop; u fil-każ li l-konvenut jonqos jagħmel **hekk, talab** illi jiġi **huwa** stess awtorizzat **jagħmel** dawk ix-xogħlijiet **għas-spejjeż tal-konvenut**; u talab ukoll illi l-istess konvenut jiġi kundannat **iħallas** lilu d-danni li sofra u li għad isofri, fis-somma li jillikwida l-perit fuq imsemmi; bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-19 ta' April 1943;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi skond il-liġi, siġar ta' zokk għoli ma jistgħux jiġu mħawlin aktar viċin minn żmien piedi mil-linea li tiddividi l-fond minn **dak** tal-viċin; u siġar oħrajn, eċċettwati dwieli, arbusti, sjepi vivi u s-siġar l-oħrajn, u żgħużin nani, f'għoli ta' mhux **aktar** minn sebgħa piedi, li għalihom hemm regola oħra, ma jistgħux jiġu mħawlin aktar viċin minn erbgħa piedi mil-linea fuq imsemmija. Jekk siġar simili jiġu mħaw-lin **aktar viċin** mid-distanzi fuq imsemmijin, il-proprjetarju tal-fond viċin, sakemm ma jkunx għadda ż-żmien **meħtieġ** għall-preskrizzjoni, jista' jeżiġi li dawk is-siġar jiġu **maqlu-**

għa a spejjeż tal-proprjetarju, u l-istess dritt għandu, anki fil-każ li jkunu ġew osservati l-imsemmijin distanzi, jekk b'daqna kollu dawk is-siġar jikkaġunawlu ħsara. Il-Qorti tista' tagħti lill-proprjetarju l-għażla li jaqta' s-siġar jew jagħmel a spejjeż tiegħu l-opri suffiċjenti biex jimpedixxu kull dannu lil fond viċin;

Illi ma hemmx dubju li s-siġar imsemmijin fiċ-ċitazzjoni huma bħal dawk fuq imsemmijin, u qegħdin jikkaġunaw ħsara lill-fond viċin, detenut b'titolu ta' lokazzjoni minn għand il-konvenut, kif jirriżulta mix-xhieda ta' Emmanuele Magro li huwa espert fil-materja;

Illi però, fil-każ, ir-raba', tant dak fejn jinsabu mħawlin is-siġar, kemm dak viċin, li qiegħed isofri dannu minħabba dawk l-istess siġar, mhux proprjetà rispettiva tal-konvenut u ta' l-attur; u għalhekk l-ewwel kwistjoni li qamet, sollevata mill-konvenut, hija appuntu dik illi mhux l-attur detentur tar-raba', imma l-proprjetarju, huwa dak li għandu dritt jipproponi din il-kawża sabiex iwaqqaf id-dannu fil-fond tiegħu derivanti mill-imsemmija siġar;

Illi, kif ġie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Mejju 1906 fil-kawża "Micallef vs. Xuereb" (Kollez. Vol. XIX—II—115), l-imsemmi dritt li jwaqqaf id-dannu fil-fond jikkompeti anki lill-inkwilin skond id-dispożizzjonijiet kombinati ta' l-art. 849, 1292 u 1303 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, kif interpretat, it-tieni artikolu, u applikat bis-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju 1872 fil-kawża "Mamo vs. Scerri" (Kollez. Vol. VI, pag. 226);

Għalhekk il-Qorti tiddikjara lill-attur persuna leġittima biex tipproponi dan il-ġudizzju; bl-ispejjeż;

Tikkunsidra;

Illi t-tieni kwistjoni li ssolleva l-konvenut hija dik li ma kienx huwa li ħawwel dawk is-siġar, imma sabhom ġa pjantati fil-post meta ħadu b'titolu ta' lokazzjoni. Dawk is-siġar li huwa ħawwel, igħid il-konvenut, ħawwilhom in sostituzzjoni ta' oħrajn li kien sab fil-post, u għalhekk it-turbativa fil-pussess ta' l-attur mhix ġejja minnu, u kwindi, jekk qatt, għandu jaġixxi kontra l-proprjetarju tal-post sabiex ineħħi d-dannu li fl-opinjoni tiegħu dawk is-siġar qegħdin jikkaġunawlu fir-raba' tiegħu;

Illi s-sigar imsemmijin fiċ-ċitazzjoni, li skond l-opinjoni ta' l-attur qeghdin jarrekaw danno fil-fond minnu detenut, huma :— 1. L-ewwel sitt (6) sigar tal-bajtar tax-xewk.........;

Tikkunsidra ;

Illi skond l-opinjoni ta' l-imsemmi Emmanuele Magro l-ewwel tnejn mis-sitt sigar imsemmijin fin-numru 1 gew pjantati minn 8 sa 10 snin ilu ; l-erbgha l-ohra ilhom imhawlin aktar minn 30 sena ilu ; is-sigar l-ohrajn imsemmijin...........;

Illi dawn is-sigar, ghaldaqstant, kollha gew imhawla mill-konvenut, barra mill-erbgha erbgha mis-sitt sigar tal-bajtar tax-xewk imsemmij u fin-numru 1 ; ghaliex il-konvenut ilu fil-konduzzjoni tal-ghalqa aktar minn 25 sena.............;

Tikkunsidra ;

Illi, kif ga gie rilevat, l-erbgha erbgha mis-sitt sigar tal-bajtar tax-xewk imsemmijin fin-numru 1 ma gewx imhawla mill-konvenut; ghaliex meta gew imhawla l-ghalqa ma kienetx ghandu, imma ghand ommu. Huwa sabhom hemm meta ha l-ghalqa minn ghand ommu. Ghalhekk l-azzjoni ghar-rigward ta' dawn is-sigar ma ghandhiex tkun diretta kontra tieghu. Huwa veru illi l-inkwilin ta' fond ghandu d-dritt li jfittex lill-inkwilin tal-fond ta' hdejh biex dana jirrispetta d-drittijiet li ghandu l-iehor, u appuntu ghalhekk dina l-azzjoni hija sostenibili kontra l-konvenut ghar-rigward tas-sigar l-ohra ; izda mhux ghar-rigward ta' l-imsemmij n erbgha sigar li kienu fil-fond meta dahal fih huwa bhala konduttur, ghaliex l-inkwilin tal-fond ghandu dritt jfittex l-inkwilin tal-fond ta' hdejh sabiex jigu rispettati d-dritt tieghu meta dawn id-drittijiet ma jigux rispettati mill-inkwilin l-iehor u mhux minn hadd iehor, mentri f'dan il-kaz id-danni li qieghed isofri l-attur fl-ghalqa minhabba l-imsemmijin erbgha sigar ma giex lilu arrekat minhabba l-fatt tal-konvenut, u mhux dana kwindi li ma rrispettalux id-dritt tieghu ;

Illi ghaldaqstant ma tqumx il-kwistjoni relativa ghall-preskrizzjoni, ghaliex is-sigar l-ohrajn kollha gew imwahhlin mill-konvenut anqas minn 30 sena ilu. Madankollu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni lanqas ma giet sollevata mill-konvenut ;

Ghal dawn il-motivi ;

Tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel u t-tieni talba ta' l-attur limitatament ghas-sigar imsemmijin fin-numri 2, 3, 4, 5, 6

u 7, u għall-ewwel tnejn mis-sitt sigar indikati fin-numru 1 fil-motivazzjoni ta' din is-sentenza; u tipprefiġġi lill-konvenut xahar żmien sabiex jaqla' l-imsemmijin sigar, ammenokkè ma jippreferix jagħmel fl-istess żmien, għas-spejjeż tiegħu, fossi jew opri oħra suffiċjenti biex jiġi impedit kull dannu lill-fond vicin in konduzzjoni għand l-attur, taħt id-direzzjoni ta' Emmanuele Magro, li qiegħed jiġi nominat bħala perit għal dan l-oġġett u għall-oġġett li sejjer jissemma 'l quddiem, u tawtorizza lill-attur li jagħmel huwa stess l-imsemmijin xogħlijiet taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit fil-każ li jonqos li jagħmilhom il-konvenut fiż-żmien fuq imsemmi. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut;

Tilliber a lill-istess konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju għar-rigward tas-sigar l-oħrajn; bl-ispejjeż;

Tinnomina, għall-finijiet tat-tielet talba, lill-istess Emmanuele Magro, sabiex jara u jgħarraf lill-Qorti jekk fil-fatt l-attur sofriex id-danni msemmijin f'dik it-talba, u f'każ affermativ jillikwida l-valur tagħhom. Tinnomina mal-perit Magro lill-Avukat Dr. Frank Chetcuti sabiex jagħtih l-assistenza kollha li jkun jirrikjedi fis-seduti li jkollu bżonn iżomm, għalbiex jagħmel il-likwidazzjoni tal-valur tad-danni u sabiex jestendi r-relazzjoni..........;

L-ispejjeż tal-perizja jitħallsu provviżorjament mill-attur, u jibqgħu riżervati għas-sentenza fuq it-tielet talba.